

Brussell, 18 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9303/26

ENV 509
MI 478
AGRI 375
CHIMIE 56
DELECT 89

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1241 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'18.5.2026 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjoni fuq l-użu tas-sustanza attiva diossidu tal-karbonju fl-Anness I, il-Kategorija 6, tiegħu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1241 final.

Mehmuż: C(2026) 1241 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2026
C(2026) 1241 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'18.5.2026

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjoni fuq l-użu tas-sustanza attiva diossidu tal-karbonju fl-Anness I, il-Kategorija 6, tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 (il-“BPR”) flimkien mal-Artikolu 1(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 88/2014 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex tinkludi sustanzi attivi fl-Anness I tal-BPR, wara li tirċievi opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA). Fil-Kapitolu V tal-BPR hemm prevista proċedura ta' awtorizzazzjoni simplifikata għal prodotti bijoċidali li jkun fihom sustanzi attivi elenkati fl-Anness I tal-BPR u li tissodisfa kundizzjonijiet oħrajn stabbiliti fl-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament.

Id-diossidu tal-karbonju bħalissa huwa elenkat fl-Anness I, il-Kategorija 6, tal-BPR bir-restrizzjoni li ġejja: *“Għall-użu biss f'kontenituri tal-gass lesti għall-użu li jiffunzjonaw flimkien ma' apparat ta' qbid”*. Fis-27 ta' Novembru 2023, l-ECHA rċeviet applikazzjoni biex temenda dik ir-restrizzjoni f'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 88/2014. Din l-applikazzjoni ġiet evalwata mill-awtorità kompetenti tan-Netherlands. L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tan-Netherlands issottomettiet ir-rapport tal-valutazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-ECHA fit-23 ta' Diċembru 2024.

L-opinjoni tal-ECHA tal-10 ta' Settembru 2025, meqjusa bħala opinjoni tal-Aġenzija skont l-Artikolu 75(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (c), tal-BPR ikkonkludiet li r-restrizzjoni rilevanti fuq l-użu tad-diossidu tal-karbonju jenħtieġ li tiġi emendata u sostitwita b'restrizzjoni ġdida.

Għalhekk, dan ir-Regolament Delegat jemenda r-restrizzjoni rilevanti tal-użu għas-sustanza attiva, id-diossidu tal-karbonju, elenkata fl-Anness I, il-Kategorija 6.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fil-110 laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti li saret f'Diċembru 2025, il-Kummissjoni kkonsultat grupp ta' esperti (il-“Laqgħa tal-Awtoritajiet Kompetenti għall-Bijoċidi”) li kien jikkonsisti minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-prodotti bijoċidali, rappreżentanti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, rappreżentanti tal-industrija tal-bijoċidi u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament delegat jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-bażi legali hija l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament flimkien mal-Artikolu 1(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 88/2014.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'18.5.2026

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjoni fuq l-użu tas-sustanza attiva diossidu tal-karbonju fl-Anness I, il-Kategorija 6, tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Novembru 2023, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") irċeviet applikazzjoni biex tiġi emendata r-restrizzjoni li tikkonċerna l-użu għas-sustanza attiva, id-dijossidu tal-karbonju, elenkata fl-Anness I, il-Kategorija 6, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li għet sottomessa f'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 88/2014². L-applikazzjoni għet evalwata mill-awtorità kompetenti tan-Netherlands ("l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni").
- (2) L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ssottomettiet ir-rapport tal-valutazzjoni tagħha flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-Aġenzija fit-23 ta' Diċembru 2024.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 75(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali jħejji l-opinjoni tal-Aġenzija rigward l-applikazzjonijiet għar-reviżjoni tas-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 88/2014 meħud flimkien mal-Artikolu 75(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali, wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, adotta l-opinjoni tal-Aġenzija fl-10 ta' Settembru 2025³.
- (4) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija qieset li r-restrizzjoni l-ġdida proposta tiżgura li l-valuri ta' limitu għall-użu sikur jitqiesu b'mod adegwat fl-istadju tal-awtorizzazzjoni tal-

¹ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>.

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 88/2014 tal-31 ta' Jannar 2014 li jispeċifika proċedura għall-emenda tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 32, 1.2.2014, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/88/oj).

³ Biocidal Products Committee Opinion on the amendment of inclusion in Annex I, Category 6 of the active substance: Carbon dioxide; ECHA/BPC/491/2025; adottata fl-10 ta' Settembru 2025; <https://echa.europa.eu/documents/10162/deabf578-ae70-5a57-6f78-9cbd9310a2a3>

prodotti bijoċidali li fihom id-dioossidu tal-karbonju għal kwalunkwe tip ta' prodott. L-Aġenzija kkonkludiet li r-restrizzjoni attwali dwar l-użu għad-dioossidu tal-karbonju, elenkat fl-Anness I, il-Kategorija 6, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 [“Għall-użu biss f'kontenituri tal-gass lesti għall-użu li jiffunzjonaw flimkien ma' apparat ta' qbid”] jenħtieġ li titneħħa u tiġi sostitwita bir-restrizzjoni li l-esponiment tal-utenti professjonali għad-dioossidu tal-karbonju jibqa' taħt il-konċentrazzjoni ta' esponiment aċċettabbli rilevanti, u li l-esponiment tal-utenti pubbliċi ġenerali jew tal-persuni fil-qrib għad-dioossidu tal-karbonju jibqa' taħt iż-0,1 % volum/volum ta' dioossidu tal-karbonju, bil-miżuri ta' protezzjoni meħtieġa meħuda fejn xieraq.

(5) Filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Aġenzija, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tiġi emendata r-restrizzjoni rilevanti tal-użu għas-sustanza attiva dioossidu tal-karbonju, elenkata fl-Anness I, il-Kategorija 6, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Ir-restrizzjoni li għadha kif ġiet ifformulata tippermetti awtorizzazzjoni usa' tal-prodotti bijoċidali li fihom id-dioossidu tal-karbonju filwaqt li l-valuri ta' limitu għall-użu sikur jitqiesu b'mod adegwat fl-istadju tal-awtorizzazzjoni tal-prodott, u b'hekk jiġi żgurat l-użu sikur.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 528/2012 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18.5.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN